# Flimkien

Newspaper Post

NOVEMBRU 2021 • Numru 204



06 Xi jkun das-Sinodu?
08 Fqar, trabi u anzjani fil-landa taż-żibel?
10 Truths married couples need to know
12 X'għad isir minni?
14 Nitlob lil Alla biex ipattiha?
16 Our little girl is a young woman
18 Żewġt iswaba' kważi jmissu
20 Bigilla wara l-funerali?
26 Tabib: tħossok tifga fl-ikel?
28 Komik għat-tfal: Salm 123
30 Talba ta' Mara Żgħira
31 It-Tarbija fil-ġuf – mal-esperti

Britannia

YOUR HOLIDAY STARTS HERE!

airmalta

TOP SELLING AGENT

2018



# Lourdes

*Fuq domanda kbira se jkun hemm Grupp ieħor*

## 5 - 9 ta' Diċembru

fl-okkażjoni tal-festa
tal-Immakulata Kunċizzjoni
8 ta' Diċembru

minn

**€567**

**Valletta Branch -** Tel: 2123 8039 **Paola Branch -** Tel: 2180 9930
**Mosta Branch -** Tel: 2141 3030 **Ħamrun Branch -** Tel: 2247 4333
**Gozo Branch -** Rabat Tel: 2156 5620 **www.bsl.com.mt**

IATA

# Jitgħallmu l-lingwa minn ġuf ommhom

Trabi ftit sigħat biss wara li jitwieldu kapaċi jagħmlu differenza bejn il-lingwa li biha titkellem ommhom u xi lingwa barranija. Studju riċenti jindika li t-trabi jibdew jassorbu l-lingwa sa minn meta jkunu għadhom fil-ġuf. Qabel kien maħsub li dan iseħħ madwar is-sitt xahar wara t-twelid, imma dan l-istudju sab li dan isir fil-ġuf stess!

Il-mekkaniżmi sensorji u dawk tal-moħħ jiġu żviluppati fit-30 ġimgħa tat-tqala, u dan l-istudju riċenti juri li trabi li għadhom ma twildux (fl-aħħar 10 ġimgħat tat-tqala) kapaċi jisimgħu lil ommijiethom jitkellmu – tant li fil-mument tat-twelid kapaċi juru li jkunu semgħu.

Patricia Kuhl, koawtriċi u kodirettriċi tal-Institute for Learning & Brain Sciences fl-Università ta' Washington qalet ukoll: "Il-ħsejjes tal-vokali (a, e, i, o, u) fid-diskors tal-omm huma l-aktar li jinstemgħu, u t-tarbija kapaċi taqbad magħhom."

L-istudju sar fuq 40 tarbija bniet u subien ta' madwar 30 siegħa f'Washington u fi Stockholm, l-Iżvezja. Meta kienu għadhom fin-nursery, it-trabi tħallew jisimgħu l-ħsejjes tal-vokali fl-ilsien nattiv tagħhom kif ukoll f'lingwi barranin.

L-interess tagħhom fil-ħsejjes ġie mkejjel minn kemm damu jsoffu l-gażażа (pacifier) imqabbda b'wajer ma' kompjuter li seta' jkejjel ir-reazzjoni tat-trabi għal dawn il-ħsejjes. Meta jissoffjaw fit-tul kien sinjal li l-ħoss li kienu qed jisimgħu ma kienx familjari. Meta l-issuffjar dam inqas kien sinjal li l-ħsejjes kienu familjari. Dan wera li kienu kapaċi "jitgħallmu" għax dan jindika li t-trabi kienu kapaċi jagħmlu differenza bejn ħsejjes li semgħu meta kienu għadhom fil-ġuf.

Riżultati li ma jħallu l-ebda dubju dwar jekk dik it-tarbija bla leħen għandhiex moħħ. L-ebda dubju dwar jekk, wara kollox, tarbija hijiex persuna daqsi u daqsek.


## Flimkien

Magazin ta' kull xahar maħruġ mill-Kulleġġ tal-Kappillani li jitqassam b'xejn lill-familji Maltin. Biex tirreklama u għal kull korrispondenza ċempel fuq 2182 8931 jew 7946 1470 jew bil-posta.

**INDIRIZZ**
Flimkien, Kulleġġ tal-Kappillani
Kurja, il-Furjana

**EMAIL**
flimkien@maltadiocese.org

**Editur** Carmel Conti
**Grafika** Outlook Coop
**Stampar** Velprint Ltd

*Il-kitba li tidher fil-Flimkien apparti l-Editorjal mhux neċessarjament tirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.*


**RAĠĠ DAWL**

**Il-faqar jeżisti mhux għax m'aħniex kapaċi nitimgħu lill-foqra imma għax m'aħniex kapaċi nxebbgħu lis-sinjuri.**

**Poverty exists not because we cannot feed the poor but because we can't satisfy the rich.**


GĦAX AĦNA
MA NISTGĦUX MA
NITKELLMUX
FUQ DAK LI
RAJNA U SMAJNA
ATTI 4:20
SMS: 5061 9294
għal donazzjoni ta'
€11.65
TEL: 5170 2063
għal donazzjoni ta'
€15
Għin liċ-Ċentru Arrupe jagħti l-kuraġġ lin-nies b'diżabilità fil-Kambodja. Agħti donazzjoni llum. Grazzi.
missio
Jien. Int. Aħna. Flimkien.
(V0/1178)
90
sena ħidma
għall-missjoni
MISSIO (UFFIĊĊJU MISSJUNARJU) Tel: 2123 6962 | www.missio.org.mt Find us on YouTube

# Saltna ta' verità

Fil-festa ta' Kristu Sultan, li niċċelebrawha fil-21 ta' Novembru, dis-sena niftakru f'dik il-ġrajja waqt il-Passjoni meta Ġesù kien quddiem Pilatu, u qallu: "Għalhekk ġejt fid-dinja biex nixhed għall-verità. U kull min iħobb il-verità jisma' leħni" (Ġw 18:37). Dakinhar Pilatu staqsieh: "Il-verità x'inhi?" imma kif qallu hekk, ħareġ 'il barra biex ikellem lin-nies u ma stenniex ir-risposta.

Imma fl-Evanġelju għandna din ir-risposta, u kemm-il darba. Ġesù jurina li Alla hu l-verità. Ġesù hu Alla li sar bniedem fostna, hu dak li jista' tassew jurina l-verità. Għalhekk lid-dixxipli tiegħu qalilhom: "Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja" (Ġw 14:6). Huwa hu li jurina l-verità dwar Alla, u dwarna nfusna; hawn li jurina l-verità dwar minn fejn ġejjin, l-oriġini tagħna, u jurina fejn sejrin, id-destinazzjoni tagħna; li jurina l-verità dwar l-iskop ta' ħajjitna. U fid-dawl tal-kelma tiegħu nistgħu nagħrfu wkoll dak li hu veru u niddistingwuh minn dak li hu falz u qarrieqi.

Ġesù jgħidilna: "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi … tagħrfu l-verità, u l-verità teħliskom" (Ġw 8:31). Hi l-kelma tiegħu li tgħinna nagħżlu dak li hu veru, u turina kif nistgħu ngħixu tassew ħielsa. Nitolbu lill-Mulej jagħtina l-għerf tiegħu biex f'ħajjitna nfittxu dejjem dak li hu sewwa, dak li hu veru, dak li jmexxina fit-triq tiegħu, u dak li jżommna tassew ħielsa.

✠ **Joseph Galea-Curmi**
Isqof Awżiljarju

## Logo tas-Sinodu

Ħafna minna żgur li semgħu li madwar id-dinja kollha fil-Knisja Kattolika bħalissa beda l-proċess tas-Sinodu. Apparti l-artiklu dwar dan, miktub mill-Isqof Joseph Galea Curmi f'paġni oħra tal-Flimkien, xtaqna nwasslulkom it-tifsira tal-logo. Dan jiġbor fih fil-qosor il-ħsieb li hemm wara dan kollu.

Siġra kbira tidher tielgħa lejn is-sema f'forma tas-salib ta' Kristu, u qed terfa' l-Ewkaristija, li tiddi bħax-xemx. Fl-istess ħin, iz-zkuk orizzontali, miftuħin bħal idejn jew ġwienaħ, jirrappreżentaw l-Ispirtu s-Santu. Il-poplu ta' Alla mhux statiku; kulħadd jidher miexi flimkien 'il quddiem. Fil-fatt il-kelma "sinodu" tfisser "mixja flimkien". Jidhru wkoll 15-il figura, magħqduin mill-ispirtu li s-Siġra tal-Ħajja qed tonfoħ fihom, u li minnha qed jibdew il-mixja tagħhom flimkien. Dawn jirrappreżentaw l-umanità kollha bid-diversità ta' sitwazzjonijiet, ġenerazzjonijiet u oriġini tagħhom. Dan l-aspett hu msaħħaħ mill-ħafna kuluri vivaċi, li jesprimu wkoll il-ferħ. Kollha huma ndaqs u ħadd mhu akbar mill-ieħor: żgħar, anzjani, irġiel, nisa, żgħażagħ, lajċi, reliġjużi, ġenituri, koppji singoli. Fil-fatt l-isqof u s-soru mhumiex fuq quddiem imma fin-nofs, qalb l-oħrajn. Fil-qiegħ jidher il-kliem: "Għal Knisja Sinodali: komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni - Sinodu 2021-2023", li hu sintesi tal-proċess kollu.

Synod 2021 2023
For a synodal Church
communion | participation | mission



### Xi jkun "Sinodu"?

Is-Sinodu tal-Isqfijiet ilaqqa' flimkien rappreżentanti tal-Isqfijiet mid-dinja kollha, li f'għaqda mal-Papa jiddiskutu temi importanti għall-ħajja tal-Knisja. Kien il-Papa Pawlu VI li waqqaf is-Sinodu tal-Isqfijiet fl-1965. U dan baqa' jitlaqqa' regolarment kull sentejn jew tlieta.

### Fuqiex se jkun is-Sinodu tal-2023?

It-tema hija "Lejn Knisja Sinodali: Komunjoni, Parteċipazzjoni, Missjoni". Il-Papa ried li bi tħejjija għal dan, minn Ottubru 2021 issir "mixja sinodali" fil-Knisja kollha. F'kull djoċesi, ħafna nies jistgħu jagħtu sehemhom billi jgħidu x'jaħsbu, u x'inhuma l-esperjenzi u l-proposti tagħhom.

### Meta se jibda f'Malta?

F'Malta diġà beda f'Ġunju tal-2020 bid-dokument "Knisja Waħda Vjaġġ Wieħed". Matul l-2021 qed issir riflessjoni fuq "Knisja li tisma'", b'numru ta' laqgħat online u bis-sehem ta' ħafna. F'Novembru se tiltaqa' wkoll l-Assemblea Djoċesana. Malta hija tassew inserita f'din il-mixja li nieda l-Papa Franġisku.

B'sodisfazzjon insemmu li bejn l-1999 u l-2003 f'Malta kien sar Sinodu Djoċesan, tip ieħor ta' Sinodu bis-sehem ta' kulħadd, mhux tal-Isqfijiet biss. Kien tassew esperjenza ta' "mixja flimkien". Dak li l-Papa jixtieq għall-Knisja universali aħna għexnieh diġà fuq livell lokali madwar għoxrin sena ilu, u nafu kemm ħalla frott.

## 10 tifsiriet ta' "Sinodalità"

### 1. Sejħa tal-Ispirtu ta' Alla

Hu l-Ispirtu ta' Alla li jġedded kontinwament il-Knisja u jsejħilha biex tipprattika s-sinodalità bħala mod kif tgħix u taġixxi, u fl-istess ħin tippromovi s-sehem tal-imgħammdin u l-persuni ta' rieda tajba, kulħadd skont l-età, l-istat ta' ħajja u l-vokazzjoni tiegħu. Il-kolleġġjalità (li tgħaqqad lill-isqfijiet mal-Papa) tiġi mirquma u tistagħna permezz tas-sinodalità fuq kull livell.

### 2. Mixja flimkien

San Ġwann Kriżostmu jgħid li "Knisja u Sinodu huma sinonimi". Il-Knisja mhix ħlief il-merħla ta' Alla li tul il-mogħdijiet tal-istorja timxi flimkien lejn Kristu l-Mulej. Is-sinodalità tikkaratterizza l-ħajja u l-missjoni tal-Knisja u tal-Ġisem ta' Kristu.

### 3. Tenfasizza r-relazzjonijiet fil-Knisja

Il-fidi tgħaddi permezz ta' relazzjonijiet: ma' Kristu, mal-oħrajn, fil-komunità. Il-Knisja hi msejħa tqiegħed fiċ-ċentru s-smigħ, l-akkoljenza, id-djalogu, f'mixja li tibdel il-ħajja ta' min jieħu sehem fiha.

# Xi jkun das-"Sinodu"?



### 4. Turi ruħha fis-smigħ u d-djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet

L-istil taSinodu għandu jiġbor fih is-smigħ fratern u d-djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet, bl-għan li jaslu flimkien għal direzzjoni pastorali attenta għall-persuni emarġinati u għal min ftit jew xejn għandhom kuntatt mal-komunitajiet ekkleżjali.

### 5. Apprezzament tal-kariżmi, parteċipazzjoni, korresponsabbiltà

Dan l-istil ta' Knisja jagħraf il-valur tal-kariżmi li l-Ispirtu jagħti lil kull wieħed u waħda minna – skont il-vokazzjoni u r-rwol ta' dak li jkun. Il-Knisja ssir aktar parteċipattiva u korresponsabbli, li tilqa' s-sehem tal-lajċi, fejn ħadd ma jkun imwarrab.

### 6. Tgħinna nevitaw il-klerikaliżmu

Il-klerikaliżmu hu marbut mal-poter u jeskludi lil bosta mill-proċessi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Il-klerikalizzazzjoni tal-lajċi jagħlaqhom minflok joħroġhom f'impenn missjunarju fid-dinja.

### 7. Insaħħu l-proċessi ta' dixxerniment komunitarju

Din l-esperjenza tgħinna nifhmu aħjar is-sens tal-awtorità bħala servizz, kif uriena Ġesù. Jekk insaħħu l-proċessi ta' dixxerniment komunitarju nkunu nistgħu naqraw aħjar is-"sinjali taż-żminijiet" fid-dawl tal-fidi u taħt il-gwida tal-Ispirtu – bis-sehem ta' kulħadd, ibda minn dawk fil-periferija.

### 8. Ngħaddu mill-"jien" għall-"aħna"

B'dan il-mod, kull "jien" jista' jgħix u jimxi mal-"aħna" bħala responsabbli fil-missjoni waħdanija tal-Poplu ta' Alla. Il-komunità Nisranija hi msejħa ma tibqax magħluqa fiha nfisha imma toħroġ lejn il-bnedmin kollha.

### 9. Issaħħaħ id-djalogu mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba

F'dinja mimlija diversità ta' popli u kulturi, sar aktar importanti li "nimxu flimkien" biex insaħħu l-inizjattivi ta' solidarjetà, integrazzjoni u promozzjoni tal-ġustizzja. Għal dan, għandna nkunu mdawlin mit-tagħlim soċjali tal-Knisja, ibbażat fuq prinċipji bħad-dinjità tal-persuna, l-għażla preferenzjali favur il-foqra, l-għożża tad-dar komuni tagħna.

### 10. Formazzjoni speċifika

Is-Sinodalità ma tiġix waħedha. Ħafna drabi teħtieġ ukoll konverżjoni tal-qalb u tal-attitudnijiet.

# Fqar, trabi u anzjani fil-landa taż-żibel?

**Siltiet minn diskors tal-Papa Franġisku fl-Assemblea Plenarja tal-Akkademja Pontifiċja għall-Ħajja (27 ta' Settembru 2021).**

## X'HEMM AGĦAR MILL-COVID-19?

Ħaġa waħda biss hawn agħar mill-kriżi tal-pandemija: jekk din it-traġedja naħluha, jekk ma nitgħallmu xejn minnha. Minn kriżi ma noħorġux l-istess. Jew noħorġu aħjar, jew noħorġu agħar. Imma mhux l-istess. L-għażla tinsab f'idejna.



## NAFU XI TFISSER "VULNERABBLI"?

Nagħmlu sew jekk nieħdu l-miżuri kollha biex inwaqqfu u negħlbu l-Covid-19, iżda dan il-mument storiku għandu jagħmilna konxji ta' xi tfisser li tkun "vulnerabbli" u li tgħix fl-inċertezza ta' kuljum.

## "AĦSLU JDEJKOM TA' SPISS!" ... IMMA FEJN HU L-ILMA?

Irridu nitgħallmu ma nipproġettawx il-prijoritajiet tagħna fuq popli li jgħixu f'kontinenti oħra, fejn għandhom ħtiġijiet oħra li huma aktar urġenti. Fejn, pereżempju, mhux biss ma għandhomx il-vaċċin, imma lanqas għandhom ilma tax-xorb jew il-ħobża ta' kuljum. Ma nafx jekk tidħaqx jew tibkix – aktarx jagħtik li tibki – meta tisma' mexxejja ta' gvernijiet jagħtu pariri lin-nies tagħhom li jgħixu f'kerrejjiet u kwartieri fqar biex "jiddiżinfettaw idejhom spiss kuljum bl-ilma u s-sapun". Imma, għeżież, intom qatt mortu ġo kerrejja jew fi kwartieri tal-fqar? Dawn lanqas ilma ma għandhom, u sapun ma jafux xi jkun.

## SKART TAL-ANZJANI: L-EWTANASJA MOĦBIJA

L-anzjani wkoll huma meqjusin bħala skart, għax illum "ma hemmx iktar bżonnhom". Huma l-għerf u l-għeruq tal-għerf taċ-ċiviltà tagħna, u sadattant din iċ-ċiviltà qed twarrabhom!

F'ħafna nħawi hemm ukoll il-liġi tal-"ewtanasja moħbija", kif inħobb insejħilha jien. Ewtanasja moħbija hija meta ġġiegħel lin-nies jgħidu, "Il-mediċini jiswew ħafna flus, mela nagħtuhom biss in-nofs." U dan ifisser li tqassar il-ħajja tal-anzjani!

## SKART TAT-TFAL: L-ABORT

Jeżisti l-iskart tat-tfal, it-tfal li ma rridux naċċettaw. Il-liġi tal-abort tibgħathom lura minn fejn ġew biex jinqatlu. U llum din saret xi ħaġa "normali", drawwa kerha ħafna; dan huwa verament qtil. Biex nifhmu tajjeb din il-ħaġa, forsi tista' tgħinna mistoqsija doppja: Sewwa li toqtol, li ttemm ħajja umana biex issolvi problema? Sewwa li tħallas qattiel (hitman) biex issolvi problema? Dan hu l-abort.

# Truths married couples need to know

1. It's you against the problem. It's not you against each other.

2. Laughter makes relationships last longer. Your sense of humour can have a lasting effect on your bonding. Don't laugh at it! Laughter helps release feel-good hormones that help to relieve stress.

3. Remember the person you fell in love with. Remember the way he or she made you feel. Keep that vision alive. It's where your story began.

4. Listen. REALLY listen. The day you stop listening is the day things start to slide.

5. Don't let your need to 'win the argument' ruin a single day of your life together. Choose your battles. Let unimportant stuff go. Time is too precious.

6. You WILL go to sleep on an argument sometimes, and that's really ok – as long as you see the fresh start in each new day.

7. Do not expect to agree on every single thing. Differences are important.

8. You can never talk enough … about EVERYTHING. Make sure it's not always 'admin' chat. Remember the REAL stuff too.

9. You started to build a castle when you said 'I do'. Be careful who you let in the grounds.

10. Make your COMMITMENT to each other bigger than your struggles, bigger than your differences, and bigger than your challenges. If you both do this, you will always be ok.

11. Don't miss the REAL stuff looking for the fake stuff. Romance is not in the grand gestures; it's in the cups of coffee laid on the bed stand, the hand on your back during a hard phone call, the texts to keep you going during a difficult day, the listening to your dreams, the belief in your abilities, the support when things go wrong.

12. If you are Christian, remember there is a SPIRITUAL dimension to your relationship. Do not ignore it. Indeed, nurture it.

*Addattat minn kitba ta' Donna Ashworth*





# X’GĦAD ISIR MINNI?

**Meta jmut xi ħadd qrib tagħna, bla ma rridu nistaqsu: Kif se mmut jien? Meta se mmut? X’se jiġri minni wara l-mewt? X’hemm wara din il-ħajja?**

Ħadd minna ma għamel esperjenza tal-ħajja l-oħra, għalhekk irridu noqogħdu fuq dak li turina t-Tradizzjoni u x’tgħidilna r-Rivelazzjoni biex indawlu l-fidi tagħna.

Fl-ewwel sekli wara Kristu kien hemm is-setta tal-Injostiċi (Gnostics). Dawn kienu jemmnu li r-ruħ tal-bniedem wara l-mewt tgħaddi mill-ewwel għas-sema. Bi tweġiba għalihom, Sant’ Irinew, lejn tmiem it-tieni seklu, kiteb li l-mejtin imorru f’post tal-mistrieħ, x’imkien bejn l-art u s-sema, jistennew il-qawmien fl-aħħar jum.

Din l-idea taqbel ħafna ma’ dak li nsibu fit-Testment il-Ġdid fejn insibu li hu wara l-ġudizzju tal-aħħar jum li aħna nidħlu fil-glorja. San Pawl jikteb fl-ewwel Ittra lit-Tessalonkin: “Mal-ordni ta’ Alla, mal-leħen tal-arkanġlu, u mad-diwi tat-tromba ta’ Alla, il-Mulej stess jinżel mis-smewwiet, u l-mejtin fi Kristu jkunu l-ewwel li jqumu” (4:16-17).

Fil-medjuevu, l-enfasi kienet aktar personali, aktar fuq id-dnub u l-ġudizzju. It-testi liturġiċi kienu jitkellmu ħafna fuq il-kruha tad-dnub u fuq id-dannazzjoni eterna. F’dan il-kuntest, fl-1336, il-Papa Benedittu XII iddikjara l-eżistenza ta’ “ġudizzju partikulari” għal kull bniedem fil-mument tal-mewt tiegħu.

Għalhekk, il-Knisja bdiet tiffoka fuq it-talb għall-erwieħ tal-Purgatorju, li kienu għaddejjin minn tisfija għal dnubiethom. Din it-tradizzjoni tenfasizza dik li nistgħu nqisuha bħala “eskatoloġija individwali u immedjata”, jiġifieri li kull Nisrani fil-mument tal-mewt tiegħu jiġi ġġudikat minn Alla. Jekk jinstab li jkun jixraqlu, jidħol fil-preżenza ta’ Alla wara li jkun issaffa minn dnubietu fil-Purgatorju. Ma kienet issir l-ebda distinzjoni bejn il-Ġenna u xi post ieħor ta’ stennija sal-aħħar jum. Skont din it-tradizzjoni, il-ġisem uman jintemm imma r-ruħ tibqa’ tgħix għal dejjem. Fil-ġudizzju finali, imbagħad, il-mejtin jingħaqdu ma’ ġisimhom. F’dak il-mument isiru jixbhu b’mod sħiħ lil Kristu Rxoxt.



### It-Tliet Quddisiet

L-ewwel ħjiel ta' ġurnata fis-sena li fiha niftakru f'ħutna l-mejtin kollha nsibuha fir-regola monastika attribwita lil San Sidor ta' Sivilja, li miet fis-636. Għalkemm it-2 ta' Novembru kienet għadha ma ntgħażlitx bħala "Tifkira tal-Mejtin Kollha", San Sidor kien ordna lill-irħieb (patrijiet jew eremiti) biex iqaddsu quddiesa b'suffraġju għall-mejtin kollha.

Il-ġurnata tat-2 ta' Novembru ddaħħlet mill-Abbati Odilo ta' Cluny, fi Franza, li miet fl-1048. L-għażla ta' din il-ġurnata hi marbuta mal-festa tal-Qaddisin Kollha. Lejn tmiem is-seklu ħmistax, id-Dumnikani ta' Valencia fi Spanja daħħlu d-drawwa li, bħal f'nhar il-Milied, kull saċerdot seta' jqaddes tliet Quddisiet. Fl-1915, fi żmien il-Papa Benedittu XV, din il-prattika daħlet madwar il-Knisja kollha.

**"Bħalma Ġesù miet u rxoxta, hekk ukoll Alla jieħu miegħu 'l dawk li raqdu f'Ġesù. U bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ukoll jiksbu l-ħajja fi Kristu".**

It-talbiet fit-tliet Quddisiet tal-Għid tal-Imwiet juru l-fidi tan-Nisrani fil-misteru tal-Għid. Il-mewt u l-qawmien ta' Kristu huma t-tama tagħna għaliex dawk kollha li mietu jieħdu sehem minn dan il-misteru. Hekk naqraw ukoll fl-Antifona tal-Ewwel Quddiesa: "Bħalma Ġesù miet u rxoxta, hekk ukoll Alla jieħu miegħu 'l dawk li raqdu f'Ġesù. U bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ukoll jiksbu l-ħajja fi Kristu". Dan hu propju dak li se jiġri minna, anki jekk il-kif u l-meta għadna ma nafuhx.

Minbarra dan it-talb, matul Novembru, ix-xahar li d-devozzjoni popolari tassoċjah ukoll mal-mejtin, il-Knisja tkun qed toqrob lejn it-tmiem tas-sena tagħha. Għalhekk, l-enfasi tal-liturġija u l-qari tal-quddies ikunu fuq l-aħħar taż-żmien, fuq il-ġudizzju ta' Alla, u fuq it-tieni miġja ta' Ġesù bħala Sid il-ħolqien kollu.

# Nitlob lil Alla biex ipattiha?

Xi wħud mis-Salmi li nisimgħu fil-Quddiesa jkun fihom kliem li jissorprenduk għax fihom kliem ta' vendetta, pereżempju Salmi 58:7-11; 69; 139:19-22 u 140:9-11.

Kif jista' jkun li s-Salm jitlob lil Alla jikkastiga u jeqred l-għedewwa, il-midinbin u l-ħżiena. Kif tista' titlob b'Salmi bħal dawn?

Mistoqsija li tagħmel ħafna sens. Kliem bħal dan jista' jfixklek u anki jqajjimlek dubji fil-fidi. Jgħinna ħafna jekk inqisu l-kultura li tiha nkitbu dawn is-Salmi, li nkitbu fi żmien meta l-Lhud kienu għadhom jemmnu f'dik li tissejjaħ "retribuzzjoni", jiġifieri Alla jħallsek f'din il-ħajja stess skont l-imġiba tiegħek: premju u barka għall-ġusti; kastig u saħta għall-ħżiena.

Imma minn dak iż-żmien seħħew ħafna żviluppi. Bil-mod il-mod Alla kompla jgħallem lill-bnedmin, mhux biss lil-Lhud, kif għandhom iġibu ruħhom, sal-punt li bagħat lil Ibnu Ġesù li għallimna nħobbu saħansitra lill-għedewwa tagħna bħalna nfusna. Ġesù nnifsu għamilha ċara: "Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom" (Mt 5:43-48).

Għaliex dak iż-żmien u f'dik il-kultura dan il-lingwaġġ ta' vendetta u kastigi kien qisu xi ħaġa normali?

1. Il-liġijiet tat-Testment il-Qadim kienu mmirati biex jipproteġu liż-żgħir u l-fqir, lil min jirċievi xi inġustizzja. Għalhekk, it-talb għat-tpattija kien jesprimi l-għatx tas-Salmista għall-ġustizzja.

2. Il-kastig bi tpattija kellu jkun proporzjonat għall-offiża, u mhux bla limiti:

3. Il-vendetta kellha titħalla biss f'idejn Alla: "La tbejjitx lil ħuk f'qalbek ... La titħallasx b'idejk, u la żżommx f'qalbek għal ulied niesek, imma ħobb lil għajrek bħalek innifsek: Jiena l-Mulej" (Levitiku 19:17-18).





4. Dan il-lingwaġġ imqanqal u eċċessiv seta' kien effett tal-mentalità Semitika u tat-temeperament pjuttost spontanju u passjonali tal-Lhud. Anki n-natura poetika ta' dawn is-siltiet, espressi b'lingwaġġ drammatiku, tista' tagħti l-impressjoni li l-intenzjoni tal-kittieb kienet vendikattiva aktar milli fil-fatt kienet.

5. Il-mod kif il-Lhud kienu jħarsu lejn Alla u lejn l-Art Imwiegħda seta' wkoll influwenza lingwaġġ bħal dan, għax kienu jqisu l-għedewwa tagħhom bħala theddida kontinwa għal arthom u għedewwa ta' Alla. Min kien għadu tal-Lhud u ta' arthom kien awtomatikament għadu dirett ta' Alla wkoll, għalhekk, dan l-għadu kien ħaqqu mibegħda u għandu jinqered minn fuq wiċċ l-art. L-Iżraelin kienu jħossuhom obbligati jobogħdu lill-għedewwa ta' Alla, għalhekk kienu jiġġustifikaw u jiskużaw l-hekk imsejħa "liġi tal-*ħérem*", jiġifieri l-liġi tal-"gwerra qaddisa", fejn kienu joqtlu lil kull raġel li jsibu fil-belt, filwaqt li n-nisa, it-tfal, il-bhejjem u kulma jkun fil-belt assedjata jittieħdu bħala priża u mogħtija lis-santwarju. Imbagħad dik il-belt kienet tinħaraq u tinqered, bħalma ġara fil-każ tal-waqgħa tal-belt ta' Ġeriko fil-Ktieb ta' Ġożwè (6:17-27).

*Fr Paul Sciberras huwa Senior Lecturer fid-Dipartiment tal-Iskrittura Mqaddsa, l-Ebrajk u l-Grieg fl-Università ta' Malta*

# Our little girl is a young woman

**I had prepared her for this. In order to do a good job of it, I had also prepared myself by searching, in the light of faith, for the deepest meaning of this important step in the physical and psychological development of my daughter.**

When our daughter Jacqueline came to me and happily told me what had happened, I kissed her. And then, together, we improvised a prayer to thank God for his goodness to her. There was now in her a source of life, hidden, but nonetheless real. Together, we went to tell her father the news. He gave her the small gift that we had selected some time before; and he told her that, from that time on, she would choose her own clothes. I would go with her, we explained, to make sure that her choice was not too expensive; but I would respect her tastes (which, I confess, won't be an easy thing to do).

At dinner, that night, we had a little celebration, and we took the opportunity afterwards to explain things to her brother. We must make sure that he has a sufficient appreciation of feminine dignity so that, now and later, he will treat women with proper respect.

To be frank, I couldn't help envying my daughter a little. In spite of myself, I thought; "She's so lucky to have parents like us." I remembered my own childhood and the shame and guilt I experienced when I began to mature. But then I thanked God for allowing us to live, at least a little, in the faith. All that God has made is good, and how stupid we are to drag down to our human level and to deform and corrupt what God intends to be great and beautiful.

The BODY of the adolescent no longer belongs to his parents. It belongs to him. The parents must accept the fact that their child wants less and less attention from them for his body. They must, nonetheless, help the adolescent develop that body in a healthy and balanced manner. They must clothe it, care for it, respect it and ensure that it is respected by others. In other words, they must prepare their child for the day on which he will be totally on his own.

The HEART of the adolescent belongs not to his parents, but to himself. The parents must accept that their child has less and



less need for their presence and for the expression of their affection. They must, however, help him learn to love truly in friendship and in the giving of self to others. They must prepare him for the day on which his heart is wholly his own.

The MIND of the adolescent belongs not to his parents, but to himself. The parents must accept the fact that their child no longer wishes to follow them blindly in their ideas, their tastes, their choices. But they must help him to think for himself, to form his own opinions, to develop his own tastes, to establish his own motivations. They must prepare him for the day on which he will be a truly mature adult.

**When Jacqueline came to me and happily told me what had happened, I kissed her.**

The LIFE of the adolescent belongs not to his parents, but to himself. The parents must recognize that their child wishes gradually to free himself from the obligation of purely passive obedience. They must help him to make decisions for himself, judge for himself, act for himself. For soon, he will be ready to exercise his full freedom as a man.

The grandeur of parents consists in their having propagated the life which they carried in themselves. Their mission is to transmit that life, and to withdraw gradually when they see it begin to bloom in their children. For their children, in their turn, must "be fruitful, multiply, fill the earth".

*Meħuda mill-ktieb "Meet Christ And Live", ta' Michel Quoist. Il-konklużjoni ta' din il-kitba hija "Talba ta' Mara Żgħira", li tinsab f'paġna 30.*

# Żewġt iswaba' kważi jmissu

**Il-Ħolqien ta' Adam huwa parti żgħira ħafna minn affresk enormi li jiksi s-saqaf tal-Kappella Sistina fil-Vatikan. Fil-fatt l-affresk kollu li jgħatti s-saqaf tas-Sistina fih daqs kważi tliet penalty areas ta' grawnd tal-futbol imma l-Ħolqien ta' Adam fih biss 16-il metru kwadru, ċjoè 3 fil-mija tal-area kollha tas-saqaf.**

## Is-Sistina minflok il-qabar

Michelangelo (1475-1564) beda jpitter is-saqaf tas-Sistina fl-1508 u ħa erba' snin biex lestieh. Is-saqaf jippreżenta diversi ġrajjiet fil-Bibbja. Inkixef uffiċjalment fil-festa tal-Qaddisin Kollha, fit-12 ta' Ottubru 1512.

Michelangelo ma kienx ġie Ruma għal din il-biċċa xogħol għax tliet snin qabel il-Papa Ġulju II kien qabbdu jagħmillu qabar kbir biex jindifen fih. Dan il-qabar kolossali lil Michelangelo tant ħadlu ħin li qabel seta' jispiċċah laħaq miet mhux biss il-Papa Ġulju imma anki hu. Illum l-iskulturi tal-qabar li



laħqu tlestew jinstabu f'San Pietro in Vincoli, f'Ruma, bl-istatwa ċelebri ta' Mosè fin-nofs.

## L-affresk li seta' ma sarx

Skont Ascanio Condivi, bijografu ta' Michelangelo, il-fatt li l-Papa qabbad lil Michelangelo biex joħloqlu qabar ma niżlet xejn tajjeb ma' Donato Bramante, l-arkitett li kien qed jaħdem fuq il-bini tal-Bażilika ta' San Pietru. Condivi jgħid li Bramante rnexxielu jikkonvinċi lil Ġulju II biex jagħti lil Michelangelo xogħlijiet oħra. Forsi għalhekk li Michelangelo ngħata jpitter is-saqaf tas-Sistina, propju biex ma ħalliehx ilesti l-famuż qabar.

Jekk inhu hekk, għandna għalfejn nibqgħu nafuhulu lil Bramante għax kienet l-għira tiegħu li wasslet biex Michelangelo ħoloq l-affreski tal-Kappella Sistina, inkluż Il-Ħolqien ta' Adam!

## Adam jistenna lil Alla jmissu

Fil-Ħolqien ta' Adam, Alla hu ppreżentat bħala raġel xiħ u b'ġilda bajda. Fil-verità Alla la hu raġel, la hu xiħ u lanqas għandu karnaġġjon bajdani. Hu l-mod kif aħna l-Ewropej u tal-Punent drajna nimmaġinawh – kważi konna aħna li għamilnieh fuq ix-xbieha tagħna! Fil-pittura Adam jidher mitluq u bla enerġija, qed jistenna n-nifs tal-ħajja minn Alla li wasal biex imissu bil-ponta ta' subgħajh.



## Tnax-il figura wara Alla

Wara l-figura ta’ Alla jidhru 12-il persuna, donnhom fuq ix-xwiek sakemm Alla jmiss lil Adam. Skont Dott. Frank Meshberger, espert fin-newroanatomija, dawn il-figuri flimkien għandhom il-forma ta’ moħħ uman. Teorija li tidher probabbli ħafna meta tqis x’għarfien kbir kellu Michelangelo dwar l-anatomija tal-bniedem.

Dwar il-figura tal-mara li madwar għonqha Alla dawwar idu x-xellugija nitkellmu aktar ’l isfel. Għalissa ngħidu biss li l-ħdax l-oħra jirrappreżentaw ir-razza umana. Jekk inhu hekk, allura aħna lkoll ninsabu fost dik il-folla! Aħna wkoll, dakinhar, konna f’moħħ u f’qalb Alla!

## Messaġġi moħbija fil-pittura

Xi kritiċi tal-arti jsostnu li Michelangelo kellu messaġġ moħbi meta pitter lil Adam. Ried li din il-pittura tkun metafora tal-proċess tat-twelid ta’ kull wieħed minna. Dan joħroġ minn ċerti dettalji, fosthom li l-isfond ħamrani wara l-figura ta’ Alla jidher imħaffer f’ħofra u b’forma ta’ ġuf ta’ omm wara l-ħlas. Il-biċċa drapp ħadra nieżla ’l isfel tirrappreżenta l-kurdun ombelikali. Forsi Michelangelo kellu f’moħħu silta minn Salm 139: “Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi, u f’ġuf ommi inti nsiġtni.... Ma kienx moħbi għadmi minnek, meta kont qiegħed insir fis-satra u nintiseġ fil-qigħan tal-art.”

## Il-kustilja ta’ Adam

L-għarfien iddettaljat li Michelangelo kellu tal-anatomija umana ppermettielu jdaħħal messaġġ moħbi ieħor. Meta ftit snin ilu ġie analizzat il-ġisem ta’ Adam, instab li fil-fatt għandu kustilja żejda fuq ix-xellug. Fil-Ġenesi naqraw li Alla lil Adam ħadlu kustilja u minnha ħoloqlu “sieħba tgħodd għalih”. Skont esperti fl-arti, dik il-mara li semmejna fuq, b’id Alla madwar għonqha, hija Eva. Fil-fatt il-ħarsa tagħha lejn Adam hija differenti minn tal-oħrajn; tidher aktar fuq ix-xwiek minnhom.

## L-aħħar figura li tpittret

L-aħħar figura li Michelangelo pitter fis-saqaf kienet propju l-figura ta’ Alla qed joħloq lil Adam. Riedha tkun l-isbaħ.

Insomma, trid jew ma tridx, għajnejk imorru fuq dawk iż-żewġt iswaba’ kważi se jmissu. Huma ċ-ċentru tas-saqaf kollu kemm hu. Ifakkruk f’silta minn Ktieb il-Għerf: “F’kulħadd hemm nifsek bla ma qatt jintemm” (12:1). Fija u fik ukoll.



# Bigilla wara l-funeral?

**L-ikel hu marbut mal-mewt? Milli jidher iva. Biżżejjed nagħtu ħarsa ħafifa lejn drawwiet qodma Maltin marbutin ma' Novembru u l-Għid tal-Erwieħ.**

### Il-Quċċija

Il-quċċija mhix biss dik l-ispeċi ta' logħba meta tfal ta' sena jagħżlu minn bosta oġġetti biex wieħed ibassar x'se jsiru la jikbru. Fl-antik kienet riċetta bis-smid. F'testmenti qodma nstab li xi wħud riedu li fl-ewwel lejl wara l-funeral tagħhom għandu jingħata ammont ta' "kuċċija" lill-fqar b'suffraġju għal ruħu. Ġann Franġisk Agius de Soldanis fis-seklu tmintax isemmi l-"kuċċija" bħala "qamħ mgħolli u mbierek". Fi żmienu din id-drawwa kienet diġà nqatgħet. Kien qed jikkwota r-rapport tal-Viżitatur Appostoliku Pietro Dusina li żar Malta fl-1575, li kiteb li f'xi knejjes Maltin, lejlet it-Tifkira tal-Mejtin Kollha, xi wħud kienu jieħdu magħhom il-knisja qamħ imsajjar biż-żbib u l-lewż f'forma ta' salib u jqassmuhom lil dawk preżenti biex jikluha waqt it-talb għall-mejtin li għalihom kienu jagħmlu din il-"coccia".

### In-Newwieħa

Kienu nisa mħallsin apposta biex inewħu, jixhru u jqattgħu xaharhom waqt il-funeral biex tinħoloq atmosfera ta' niket.

### Il-Vistu

Il-qraba tal-mejjet kienu jilbsu l-iswed għal diversi xhur jew snin. Użanza li għadek issibha anki llum. Il-vistu kien jinkludi wkoll li l-irġiel ma jqaxxrux il-leħja għal ġimagħtejn, il-pumi jinqalgħu mill-bibien, u l-mirja jitgħattew.

### L-Għaża

Għal tlett ijiem wara l-funeral il-qraba tal-mejjet ma kinux jitħallew isajru. Il-borom u t-tagħnijiet kienu jinqalbu wiċċhom 'l isfel. Għalhekk, il-familja tal-mejjet kienet tiekol ikel li ma kienx jirrikjedi tisjir jew ikel imħejji mill-ħbieb u l-ġirien. Dak li jissejjaħ "Ftiet tal-Għaża" kien ħobż mixwi u midluk biż-żejt taż-żebbuġa, it-tewm u t-tursin. Appetizer tajjeb ħafna anki llum!

### Il-Bigilla

Illum inqisu l-bigilla bħala "ikel tradizzjonali Malti" forsi bla ma nafu li fl-antik il-bigilla kienet tittiekel fil-funerali. Dan il-ful imsajjar, jew "beghilla", kif isejjaħlu Agius de Soldanis fid-"Damma", kien jingħata lill-foqra li kienu

jakkumpanjaw il-mejjet sal-knisja. Bigilla tajba tkun magħmula bil-"Ful ta' Ġirba". Ġirba (Djerba) hija gżira fit-Tunisija fejn, lejn nofs is-seklu dsatax, kienu jgħixu diversi Maltin. Dak iż-żmien aħna konna l-immigranti nfittxu x-xogħol barra.

Il-ful ilu assoċjat mal-mewt u l-ħajja l-oħra sa minn żmien ir-Rumani. Kienu jitqiesu li jġorru fihom l-erwieħ tal-mejtin. Fil-festa ta' "Lemuria", li kienet issir f'Mejju, ir-Rumani kienu jagħmlu riti billejl fejn kienu jitfgħu l-ful lura minn fuq spallejhom waqt li jgħidu xi talb biex ikeċċu lill-ispirti u ma jidhrulhomx.

### L-Għadam tal-Mejtin

F'xi rħula fl-Italja f'Jum il-Mejtin Kollha għadhom jieklu dawk li jissejħu "Fave dei Morti" (Ful tal-Mejtin), li fil-fatt huma gallettini f'forma ta' ful u mhux magħmulin mill-ful. Il-verżjoni Maltija ta' "Fave dei Morti" hija l-"Għadam tal-Mejtin", tradizzjoni li għadha ħajja fostna: għaġina ħelwa f'forma ta' għadma mimlija bl-inrita u b'ġelu abjad fuq.

### Il-Maħluta

Xarba alkoħolika b'ingredjenti ħelwin u morri, simbolu tat-tajjeb u l-ħażin fil-ħajja. L-alkoħol kien jirrappreżenta l-ispirtu tal-ħajja.

### Il-Minestra tal-Erwieħ

Fl-irħula, għal Ottubru, kienu jiġbru ħafna ħaxix u ingredjenti oħra mingħand in-nies, imbagħad fit-2 ta' Novembru jagħmlu minestra f'kaldarun kbir u jservuha lill-foqra, b'suffraġju għall-erwieħ.

### Il-Ħanżira tal-Erwieħ

*Hawn ukoll l-iskop kien li ssir karità mal-fqar.* Ftit ġimgħat qabel Novembru xi ħadd sinjur mir-raħal kien jixtri ħanżira li mbagħad kienet tintrabat qanpiena żgħira ma' għonqha u jħalluha ddur mar-raħal. Kull min jisma' l-qanpiena kien joħroġ jagħtiha tiekol. Wara dak l-ikel kollu, fit-2 ta' Novembru l-ħanżira tkun simnet sew u jkun wasal il-mument li tinqabad, tissajjar u titqassam fost il-foqra biex darba fill ikunu jistgħu jduqu naqra laħam. Verżjoni oħra kienet li meta l-ħanżira tinqatel u tissajjar, kienet tinbiegħ: nofs il-flus għall-foqra, u n-nofs l-ieħor għall-quddies għall-mejtin.

# "Skola għal qalbi"

Toni Agius bagħat ittra lill-Gvernatur ta' Malta, Sir Charles Bonham-Carter, fejn talbu l-permess jiftaħ skola b'żewġ klassijiet, waħda minnhom għal studenti qed iħejju ruħhom għall-eżami biex jidħlu apprendisti fit-Tarzna.

Dan kien fl-1 ta' Lulju 1937, imma f'moħħ Toni kien ilu jberren il-ħsieb li jiftaħ "Skola tad-Dockyard" li tkun immexxija mill-membri tal-Museum. Il-gwerra sfrattat kollox, imma f'Diċembru 1944, meta Malta bdiet tistejqer mit-tifrik, Toni reġa' rxoxta l-proġett tal-iskola bl-appoġġ tal-Assistent Superjur Ġenerali tal-Museum Carmelo Callus.

Toni Agius twieled il-Ħamrun, fit-13 ta' Lulju 1907, propju fl-istess sena li fiha bdiet is-Soċjetà tal-Museum. Toni kien ħass li ħafna żgħażagħ kienu qed jidħlu fid-dinja tax-xogħol bla tħejjija xierqa, għalhekk xtaq jagħmel dik li hu sejħilha "skola speċjali" fejn l-istudent jirċievi edukazzjoni sħiħa, li mhux biss tippreparah għall-eżami tad-Dockyard imma wkoll għall-eżami tal-ħajja.

Fis-snin ta' wara l-gwerra, mhux kull min xtaq jistudja seta' jkollu aċċess għall-edukazzjoni. Dak iż-żmien, meta l-edukazzjoni sekondarja kienet għadha kif saret obbligatorja, kien jeżisti Liċeo wieħed biss u ftit skejjel sekondarji tal-Knisja. Għaddew ftit inqas minn sentejn, u Toni Agius sab lil Dun Ġorġ, fundatur tal-Museum, hu u ħiereġ minn San Gejtanu, il-Ħamrun. Toni infurmah li t-Tnejn ta' wara kellha tiftaħ l-iskola. Dun Ġorġ feraħ ħafna bl-aħbar. Toni niżel għarkupptejh u talbu jbierku, hemm propju fuq iz-zuntier ta' San Gejtanu.

Tant kien kbir dan l-ideal għal Toni li ddeċieda li jirriżenja mill-impjieg tajjeb li kellu fit-Tarzna biex jintefa' f'din l-avventura ġdida.

Fl-4 ta' Novembru, 1946, l-Iskola St Michael fetħet il-bibien tagħha għall-ewwel studenti, minkejja l-ħafna tfixkil li Toni sab ma' wiċċu. L-indirizz kien Villa Violette, il-Marsa. Ftit snin wara, Toni ħass li l-iskola tal-Marsa ma kinitx kbira biżżejjed għal skola teknika, għalhekk beda jfittex xi mkien ieħor biex jibni skola ġdida. Flus ma kellux, imma, kif ngħidu, il-Providenza ta' Alla kbira. Fid-19 ta' Mejju 1951, Dun Ġorġ, imdawwar bis-soċji, għalliema u tfal, bierek l-ewwel ġebla tal-iskola, fejn tinsab illum f'Santa Venera (ara ritratt isfel).

Dakinhar, San Ġorġ Preca kien talab hekk: "Missier Etern, ħares lejn il-Wiċċ Venerabbli ta' Ibnek Ġesù Kristu u tpaxxa bih, u bierek, għall-merti tiegħu, din il-ġebla, biex l-iskola titla' bil-barka tiegħek u joħroġ ġid spiritwali u

## Skola mibnija minn Toni Agius, ħaddiem tat-Tarzna u membru tal-Museum.

temporali, u kull min jidħol fiha jkun oġġett tal-ħniena tiegħek. O Verġni Mbierka, bierek issa din l-art li fuqha se tinbena l-iskola għall-glorja ta' Alla u għall-ġid tal-erwieħ. San Ġużepp, noffrulek is-safa ta' qalbek biex titfa' ħarsa fuq l-art li fuqha se tinbena l-iskola li aħna, b'gost kbir ta' qalbna, niddedikaw lil San Mikiel Arkanġlu."

Il-pjanti għamilhom il-Perit Ġużè D'Amato, waqt li l-eżekuzzjoni tal-proġett tħalliet f'idejn Ġużi Sultana. Dun Ġorġ baqa' jinteressa ruħu fil-bini tal-iskola u kien imur jaraha sikwit. Kien jgħid, "L-Iskola St Michael hija l-għaxqa ta' qalbi."

Fl-1977, l-Iskola St Michael ma baqgħetx skola teknika u bdiet tipprepara lill-istudenti għall-eżamijiet fil-Livell Ordinarju. Fl-għoxrin sena ta' wara nbnew żewġ sulari oħra, laboratorji ġodda u gymnasium kbir. L-iskola issa setgħet iddaħħal iktar studenti u twessa' l-għażla tas-suġġetti li toffri.

Illum, l-Iskola St Michael timpjiega 80 ħaddiem u taqdi 370 student ta' bejn il-11 u s-16-il sena. Ispirata mill-Vanġelu, il-komunità tal-iskola taħdem biex tnissel f'kull student viżjoni ta' tama permezz ta' mudell edukattiv mibni fuq l-umiltà u l-manswetudni: iż-żewġ kolonni li fuqhom San Ġorġ Preca waqqaf is-Soċjetà tiegħu.





Fl-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif ta' St Michael, se joħroġ ktieb, *L-Iskola St Michael, l-Għaxqa ta' San Ġorġ Preca* (Pubblikazzjonijiet Preca). Din l-iskola kienet tassew l-"għaxqa tiegħu". Dan il-ktieb juri għaliex.

# KULĦADD JGĦODD

Ċensiment huwa l-għadd kollu tan-nies residenti f'Malta u Għawdex u fil-postijiet kollha fejn ikunu joqogħdu dawn l-istess nies f'punt speċifiku ta' żmien. F'Malta, dan il-"punt speċifiku ta' żmien" (li jissejjaħ 'Il-lejl taċ-Ċensiment') se jkun il-21 ta' Novembru 2021. Dan l-eżerċizzju, li jinvolvi l-pajjiż kollu, isir bejn wieħed u ieħor kull għaxar snin. Huwa rregolat minn liġijiet nazzjonali u Ewropej. Skont l-Att taċ-Ċensiment tal-1948, il-parteċipazzjoni fiċ-Ċensiment hija obbligatorja għal kull min huwa residenti f'Malta, u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mogħtija hija garantita.

**L-għan taċ-Ċensiment tal-2021** (it-18-il wieħed mill-1842) hu li jiġbor bir-reqqa statistika ddettaljata tal-popolazzjoni u l-postijiet kollha fejn jgħixu n-nies. Il-parteċipazzjoni tan-nies ġejjin mill-komunitajiet differenti ta' immigranti li jgħixu f'Malta hija importanti ħafna sabiex dawn il-komunitajiet ikunu rrappreżentati b'mod adegwat u jkunu meqjusa wkoll fit-tfassil tad-deċiżjonijiet. Fil-fatt, għall-ewwel darba, iċ-Ċensiment qiegħed jistaqsi dwar ir-razza, ir-reliġjon, u informazzjoni demografika oħra.

**Għall-ewwel darba din is-sena, il-kwestjonarju jista' jimtela onlajn.** Għalhekk, l-NSO bagħat ittra lil kull dar f'Malta u Għawdex b'user name u password uniku għal dik id-dar biex kull membru li jgħix f'dik id-dar ikun jista' jagħti l-informazzjoni tiegħu b'mod sigur. Jekk, għal xi raġuni jew oħra, familja ma tkunx tista' twieġeb onlajn, enumeratur imqabbad u mħarreġ mill-NSO se jagħmel kuntatt mal-membri tad-dar bejn it-Tnejn 8 u l-Ħadd 28 ta' Novembru 2021 biex jimla l-kwestjonarju permezz ta' intervista personali jew bit-telefon.

**L-informazzjoni personali mitluba fiċ-Ċensiment tinkludi:** età, razza, reliġjon, sess, nazzjonalità, immigrazzjoni, ċittadinanza, saħħa, edukazzjoni u xogħol. Il-kwestjonarju jinkludi ukoll mistoqsijiet dwar id-djar fejn joqogħdu n-nies (tip ta' propjetà u stat ta' tiswija). In-numru ta' mistoqsijiet ġie ristrett ħafna biex ikun eħfef għal kulħadd li jimla l-kwestjonarju onlajn. Il-kwestjonarju jieħu biss ftit minuti biex jimtela, anki jekk in-numru ta' persuni fid-dar ikun kemxejn għoli.

L-NSO huwa kommess li jibda joħroġ ir-riżultati minn dan iċ-Ċensiment malajr kemm jista' jkun u bl-aħjar kwalità possibbli biex abbażi ta' dawn l-istatistiċi jkunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet importanti fis-snin li ġejjin. Għalhekk, importanti li kulħadd jieħu sehem billi jagħti l-informazzjoni mitluba bl-aktar mod sħiħ.

Jekk għandek bżonn xi għajnuna, agħmel kuntatt fuq 1710 (bla ħlas) mit-Tnejn sal-Ħadd, mit-8:00am sal-10:00pm. Tista' wkoll tibgħat il-mistoqsijiet tiegħek permezz tal-website uffiċjali taċ-Ċensiment (www.census2021.gov.mt) jew tibgħat email lil census2021@gov.mt.

*Etienne Caruana huwa d-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO)*

ĊENSIMENT 2021

NSO
NATIONAL STATISTICS OFFICE • MALTA

21 ta' Novembru 2021

# Ċensiment tal-Popolazzjoni u tad-Djar

## KULĦADD JGĦODD

**www.census2021.gov.mt**
**Freephone 1710**





*Minn dan ix-xahar il-paġna tat-tabib se tibda tkun f'idejn Dott. Georgiana Farrugia Bonnici, MD, BSc (Hons), MSc (Family Medicine). Grazzi mill-ġdid lil Dott. Godfrey Agius, li għal ħafna żmien ħa ħsieb din il-paġna. Grazzi wkoll u merħba lil Dott. Farrugia Bonnici li se tibda tieħu ħsieb din il-paġna.*

# Tħossok qed tifga fl-ikel?

- Kif nista' ninduna li xi ħadd ikun qed jixraq u jista' jifga?
- X'nagħmel biex nagħti l-ewwel għajnuna lil min ikun qed jifga fl-ikel?
- Kif nagħmel il-Heimlich Maneuver lil ħaddieħor?
- Kif nagħmel il-Heimlich Maneuver lili nnifsi?

## Kif nista' ninduna li xi ħadd ikun qed jixraq u jista' jifga?

Tista' faċilment tinduna li persuna tkun qed tbati biex tieħu n-nifs meta tismagħha tisgħol jew ma tkunx tista' titkellem sew. Taf tibda żżomm għonqha biex tipprova taqla' l-biċċiet tal-ikel li jkunu weħlu fil-pajp tan-nifs, jew tagħmel movimenti oħra b'idejha biex tipprova tikkomunika li għandha diffikultà biex tieħu n-nifs, kif ukoll billi tagħmel ċerti ħsejjes ta' tħarħir jew tisfir ġejjin mill-gerżuma.

Meta persuna tkun ilha ftit minuti b'nuqqas ta' ossiġnu, dan iwassal biex il-kulur tal-ġilda jibda jkanġi lejn il-lewn blu, u anki li tintilef minn sensiha.

## X'nagħmel biex nagħti l-ewwel għajnuna lil min ikun qed jifga fl-ikel?

L-ewwel pass huwa li tbaxxi ras dak li jkun ħarira 'l isfel, u agħtih ħames backslaps, daqqiet fuq dahru, eżattament fin-nofs bejn il-ġwienaħ. Wara dan, importanti li tiċċekkjalu ħalqu sabiex tara jekk il-biċċiet tal-ikel ikunux viżibbli.

Jekk dan l-attentat ifalli wara ħames darbiet, u dak li jkun xorta jkun qed juri sintomi ta' distress, ipprova dik li tissejjaħ "Heimlich Maneuver". (Heimlich tinqara Ħajmlix)



*Grafika: Mayo Foundation for Medical Education and Research*

### Kif nagħmel il-Heimlich Maneuver lil ħaddieħor?

Din il-manuvra tista' ssir billi tippożizzjona ruħek fuq wara ta' dak li jkun u tagħmel idejk f'forma ta' ponn ġo xulxin, u tagħfas 'il fuq u 'l ġewwa, direttament fuq il-qadd, taħt il-kustilji. Din il-manuvra tista' tiġi ripetuta sakemm dak li jkun jistejqer.

Wara li jsiru dawn l-attentati tal-ewwel għajnuna, importanti ferm li dak li jkun jiġi riferut għal aktar assistenza medika.



### Kif nagħmel il-Heimlich Maneuver lili nnifsi?

F'każ li meta tkun qed tixraq tkun waħdek, tista' tagħmel il-Heimlich Maneuver fuqek innifsek hekk:

1. Qiegħed ponn ftit aktar 'il fuq miż-żokra (direttament fuq il-qadd, taħt il-kustilji).
2. Aqbad il-ponn b'idek l-oħra.
3. Intlewa fuq xi wiċċ li jkun iebes, bħal mejda jew siġġu.
4. Ċaqlaq il-ponn 'il ġewwa u 'l fuq.

*Dott. Georgiana Farrugia Bonnici, MD, BSc (Hons), MSc (Family Medicine) hija tabiba.*

# Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi

**Insib post għall-kwiet. Inpoġġi lili nnifsi minflok in-nagħġa, qisu dan il-kliem qed tgħidu n-nagħġa minfloki.**



Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi,



xejn ma jonqosni.



F'mergħat kollha ħdura jqegħedni.



Ħdejn ilma fejn nistrieħ jeħodni;
hemm hu jrejjaqni.



Imexxini fit-triq tas-sewwa minħabba l-isem tiegħu.



Imqar jekk nimxi f'wied mudlam,

**Dan huwa Salm 23. Salm ta' fiduċja f'Alla u trankwillità kbira. Anki t-tfal xi drabi jgħaddu minn mumenti ta' ansjetà u biża'. Nagħmlu tajjeb jekk inħajruhom jitolbu b'talb meħud mill-Bibbja. Isbaħ jekk jaraw lilna wkoll. Id-disinji huma ta' Rachael Coate.**



ma nibżax mill-ħsara,
għax inti miegħi.



Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek,
huma jwennsuni.



Int tħejji mejda għalija quddiem
l-għedewwa tiegħi.



Biż-żejt tidlikli rasi, u l-kalċi
tiegħi tfawwarli.



Miegħi, iva, jimxu t-tjieba u
l-ħniena l-jiem kollha ta' ħajti.



U ngħammar f'dar il-Mulej
sakemm indum ħaj!



# Prayer of a young woman

## (inspiredby her mother)

**(Konklużjoni tal-artiklu f'paġni 18-19)**

Thank you, Lord, for having let life develop in me.

Let me receive this marvellous gift with pride and respect.
Let me be strong and generous enough,
to care for my body,
to develop it,
and to respect it,
so that it may be a worthy receptacle of life.
Let this life, through me, spread and bloom in joy for all those around me who are wasting away or dying.

Lord, l pray for my parents.
Help them to say goodbye to their little girl, and help them welcome the young woman, who is their daughter, with pride and joy.
Let them have enough love and generosity to tend what another will reap.
Let them never resent the one who will one day take me away,
but let them forget themselves so that they may prepare to give me away.
Help me to be gentle with them so that their suffering may be lessened, and their sacrifice, through me, may bear the fruits of happiness.

I also pray, Lord,
for all those adolescents who are unaware of their dignity,
for all the young women who resent or regret their femininity,
and for those who misuse, waste and pervert what you have given them with such love.

Let this life in my body, if you wish it, Lord, be one day a sparkling spring.
Let it meet another spring; and let the waters mix, and bring forth another life.
Let me remain yours, Lord, and let me be ever grateful to you;
for you have "done great things for me".

*Michel Quoist*

# It-Tarbija fil-ġuf – mal-esperti

X'inhu l-iskop tal-Malta Unborn Child Platform (MUCP)? X'aktarx li ħafna jgħidulek li "biex jaħdem kontra l-abort". Mhux żbaljat, kieku, imma mhux biss.

Meta l-MUCP twaqqaf 18-il sena ilu (l-isem inbidel ftit minn The Malta Unborn Child Movement meta bdejna niffurmaw parti mill-Moviment ta' Kana) l-abort kien jidher 'il bogħod ħafna minn xtutna. Dak iż-żmien xtaqna nagħmlu l-almu tagħna biex intejbu l-ħajja tat-tarbija fil-ġuf billi nħarsuha mill-effetti ħżiena ta' sustanzi bħat-tabakk, l-alkoħol, id-droga u d-dħaħen industrijali, it-tniġġis, kif ukoll mill-abort.

Anki llum, meta l-abort qed jissemma' aktar, l-MUCP għadu jemmen li l-isforzi favur il-ħajja fil-ġuf ma jridux ikunu biss il-ħarsien mill-abort imma jinkludu wkoll ħafna aspetti oħra dwar dan l-istadju bikri tal-ħajja umana.

Sena ilu, l-MUPC beda sensiela ta' konferenzi edukattivi bl-Internet (webinars) dwar diversi suġġetti marbuta mal-ħajja fil-ġuf. F'kull webinar, kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar, kelliem/a esperti jiddiskutu xi suġġett marbut mat-tarbija fil-ġuf.

Sa issa kellna lil Dott. Josie Muscat (Il-ħajja mill-bidu nett), il-Midwives Astrid Zarb u Pauline Borg (L-aħjar kura għat-tarbija fil-ġuf) u Andrew Azzopardi (L-iżvilupp Psikosoċjali tat-tarbija fil-ġuf).

Kellna wkoll lil Ivan Grech Mintoff (L-abort), Melanie Bonavia, mis-Servizz Għożża (L-iżvilupp emozzjonali u psikosoċjali tat-tarbija), u Joe Farrugia, id-Direttur Ġenerali tal-Malta Employers Association (It-tqala u l-post tax-xogħol).

Webinars oħra li qanqlu ħafna interess kienu minn Dott. Anna Vella, Direttur Kliniku ta' Sedqa (L-effett tas-sustanzi kimiċi fuq it-tarbija fil-ġuf), u Dott. Michael Axiak, tabib u espert fil-Bijoetika (Għaliex m'għandniex nagħmlu ħsara lit-tarbija fil-ġuf). Claire Spiteri, nutrizzjonista tkellmet fuq "Id-dieta u l-infertilità u aspetti oħra tat-tqala".

Jacqueline Zammit Cassar, Kap tad-Dipartment tas-Social Work f'Mater Dei, mexxiet webinar "Is-Social Workers, promoturi tal-ġid tat-tarbija fil-ġuf", filwaqt li Dott. Tonio Borg, eks Kummissarju tal-UE, tkellem fuq "Il-jeddijiet tat-tarbija fil-ġuf".

Il-webinars huma kollha rrekordjati, għalhekk min irid jara xi wieħed minnhom jew videos oħra fuq il-kura tal-ħajja fil-ġuf jista' jfittex iċ-channel tal-Malta Unborn Child Platform fuq Youtube.

Aktar webinars fuq il-ħajja umana fil-ġuf se jkomplu fuq Zoom. Jekk trid tieħu sehem f'xi webinar jew tistaqsi jew tikkummenta wara d-diskorsi ta' 30 minuta, ibgħat email lil manuelmangani1@gmail.com u tintbagħatlek l-informazzjoni kollha fuq il-webinars li jmiss.



# INVESTI FL-INNOVAZZJONI

**BLA SPEJJEŻ TA' KUMMISSJONI**

# 4.5% INTERESSI




**Investi b'ammont minimu ta' €3,000**
**Bond marbut mal-ħarsien tal-ambjent b'rendiment ta' 4.5%***

*E-Stream Energy GmbH & Co KG qiegħda tniedi bond ta' €8,000,000 4.5% E-Stream Energy (2019-2029) marbut mal-ħarsien tal-ambjent.
Il-garanzija pprovduta minn Timberland Securities Investment plc mhix garantita.
Ir-rendiment jitħallas fi Frar u Awwissu b'ammont minimu ta' €3,000.

E-Stream Energy GmbH & Co KG (inkorporata fil-Ġermanja bl-uffiċċju reġistrat fi Wilhelmshofallee 83,47800 Krefeld, il-Ġermanja) hija l-emittent ta' bond mhux subordinat maħruġ skont it-termini ta' Prospett Bażiku datat 18 Novembru 2020, u approvat mir-regulatur finanzjarju ta' Liechtenstein skont ir-regolamentazzjoni fuq il-prospetti u t-Termini Finali rilevanti ( minn issa msejħa "Prospett"). Il-Garanti huwa Timberland Securities Investment plc, inkorporat f'Malta bl-uffiċċju reġistrat f'171, Old Bakery Street, Valletta, li jipprovdi garanzija inkondizzjonata, irrevokabbli u mhux garantit lill-Bond. Id-distributur appuntat tal-4.5% E-Stream Energy bond f'Malta huwa Timberland Invest Ltd (bl-uffiċċju tan-negozju li jinsab f'Aragon Business Centre, Dragonara Road, St Julian's, STJ 3140), li hija entità regolata awtorizzata mill-MFSA, dejjem skont l-Att tal-Investment Services,1994. Investituri prospettivi għandhom jinnutaw li l-bond ma jistax jissarraf qabel id-data tal-maturità. Kif ukoll, jekk se tinvesti f'dan il-bond, mhux se jkollok aċċess għal flusek qabel id-data tal-maturità. Madankollu, inti tista' tittrasferixxi, jew tbigħ, il-bond tiegħek, dejjem skont it-termini tal-Prospett datat 18 Novembru 2020. Il-valur tal-investimenti tiegħek jista' jitla' kif ukoll jinżel, u tista' titlef xi parti jew l-ammont kollu li inti tkun investejt. Il-prestazzjoni tal-imgħoddi mhix neċessarjament indikattiva tal-prestazzjoni tal-futur. Investituri prospettivi huma mħeġġa biex jiksbu parir xieraq u addattat qabel ma jinvestu, kif ukoll biex jaqraw il-Prospett, partikularment ir-'Risk Factors' li jinsabu fih. Kopja tal-prospett tista'tinkiseb b'xejn, dejjem matul il-ħin normali tan-negozju, mill-uffiċini ta' Timberland Invest Limited, jew inkella mill-uffiċċju tan-negozju ta'John Degiorgio, l-aġent marbut ta' Timberland Invest Ltd li jinsab f'10, Triq ta' Xlejli, Il-Gudja GDJ1801 jew mis-sit elettroniku http://www.estream-bonds.com. Dan ir-riklam huwa approvat minn Timberland Invest Ltd.

John Degiorgio huwa reġistrat mal-MFSA bhala l-agent marbut ta' Timberland Invest Ltd għall-provediment tas-servizz ta' twassil u trasmissjoni ta' ordnijiet fir-rigward ta' titoli trasferibbli.

**Ċempel lil John Degiorgio fuq 9942 7746 | Email: John.Degiorgio@timberland-finance.com**

E-STREAM ENERGY · TIMBERLAND Invest Ltd. · John Degiorgio



**Aragon House Business Centre, Dragonara Road, St Julian's STJ 3140**
**+356 2090 8100 · info@estream-energy.com · www.estream-bonds.com**